# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Jannar 2000**

**Numru 25**

**Citaz. numru 662/93DS**

John Quintano
vs
Alex Attard

Illum, 24 ta' Jannar 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Gunju 1993 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi nhar il-25 ta' Lulju 1991, fis-2.45 p.m. waqt li l-attur kien qieghed isuq karrozza Mercedes Numru ta' registrazzjoni MALTA 2 , fit-Triq is-Sur, Fgura, huwa safa milqut mill-konvenut li kien qed isuq vettura ta' Marka Vauxhall numru ta' registrazzjoni S-0256.

Illi l-incident sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Illi ghalkemm interpellat biex jaddevjani ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni l-konvenut baqa' inadempjenti.

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tal-25 ta' Lulju 1991, stante imperizia, negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur occorrendo permezz ta' perit nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni u bl-interessi mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Preliminarjament illi dan l-incident gara tort tal-attur billi huwa kien qed isuq bi speed sperikolat u fuq in-naha hazina tat-triq b'mod li ma' setghax jikkontrolla l-vettura misjuqa minnu u b'hekk habat mal-vettura misjuqa mill-eccipjent li dak il-hin kien qed isuq fuq il-parti estrema tax-xellug tat-triq u vicin hafna tal-materjal li kien hemm fit-triq fuq dik l-istess naha tieghu.

2. Illi billi l-incident ma garax tort tal-eccipjent, id-danni riklamanti mill-attur ma' ghandhomx jigu mhallsa mill-eccipjent stante li l-istess incident gie ikkagunat htija u tort tal-attur.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tat-18 ta’ Novembru 1993 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Thomas Abela bhala perit legali;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-21 ta’ Mejju 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh gewwa Triq is-Sur, Fgura, bejn il-karrozza Mercedes numru MALTA 2 misjuqa mill-attur u l-Vauxhall numru S-0256 misjuqa mill-konvenut. L-attur hareg minn Triq Mahatma Gandhi u dahal go Triq is-Sur. Il-konvenut kien gej

isuq go Triq is-Sur mid-direzzjoni opposta. L-attur kellu mieghu tliet passiggieri filwaqt li l-konvenut kien wahdu.

**Il-provi**

L-attur xehed illi fil-25 ta’ Lulju 1991 kien qed isuq il-karrozza left-hand drive tal-marka Mercedes. Kien dahal minn Triq Mahatma Gandhi bi speed ta’ madwar 10/15 m.f.s. Meta kien qed idur, hu nduna li kien riesaq lejh il-konvenut fuq in-naha tieghu tat-triq mid-direzzjoni opposta. L-attur qal illi ghalhekk hu ghafas il-brake, gibed lejn in-naha tieghu tat-triq u daqq il-horn u rnexxielu jieqaf qabel il-habta. Hu spjega illi meta l-karrozza tal-konvenut kienet waslet aktar qrib tieghu, il-konvenut ma kienx jidher u dan meta' tfacca u nduna bih, skidja ghal gol-karrozza misjuqa mill-attur. Din intlaqtet fuq il-*mudguard* ta' quddiem tal-lemin bil-*mudguard* ta' wara tal-lemin tal-vettura tal-konvenut.

Wara l-incident l-attur induna li l-konvenut kellu diversi *envelopes* u pakketti fil-vettura fuq is-*seat* ta' hdejh u rrizultalu wkoll li kien *courier* tad-DHL.

In kontro-ezami, l-attur spjega illi hu kien lemah biss il-vettura tal-konvenut hekk kif kien beda jdur ghal go Triq is-Sur u din kienet xi tmien karrozzi 'l boghod minnu fuq in-naha l-hazina tat-triq. Fuq in-naha l-ohra tat-triq ma kienx hemm bankina, izda kien hemm materjal konsistenti f'nofs tuzzana cnagen u xahx li kienu johorgu xi erba' piedi 'l barra mill-hajt. Dan immarkah bl-ittra X fuq l-iskizz esebit.

Meta saret il-habta, l-attur iddikjara illi hu kien diga' wieqaf izda l-konvenut baqa' miexi. L-impatt bejn iz-zewg karrozzi kien fejn hemm indikat fuq l-iskizz il-*mudguard* tal-lemin tal-karrozza tieghu.

L-attur xehed ukoll illi hu ma kienx jaqbel ma' l-iskizz bl-eccezzjoni tat-tul tal-marki li halliet il-karrozza tal-konvenut.

Fl-ahharnett l-attur sostna illi hu ma kienx qabez in-nofs tat-triq meta dar ghal go fiha minn Triq Mahatma Ghandi.

Kenneth Grillo xehed li dakinhar ta' l-incident kienu sejrin il-funeral ta' missieru. Hu kien riekeb ma' l-attur fuq quddiem, fuq in-naha tal-lemin, u wara kien hemm Michelle Mizzi u Graziella Quintano.

Kif kienu qieghdin iduru ghal go triq is-Sur, ix-xhud qal li hu lemah karrozza riesqa ghal fuqhom b'certu velocita', tant li l-attur haseb li kien

xi habib li ried jiccajta. Pero' x-xhud qallu li s-sewwieq ma kienx jaf fejn hu sejjer u fil-fatt innota illi kellu id wahda fuq lis-*steering-wheel* u gismu ma kienx jidher. Ghalhekk hu spjega illi l-attur gibed lejn ix-xellug tat-triq u daqq il-*horn.* Meta l-konvenut sema l-*horn*, hu tela' 'l fuq u zamm il-*brake* filwaqt li dawwar il-vettura lejn ix-xellug tieghu. Izda l-konvenut xorta laqat il-karrozza taghhom bil-bieba u bil-*mudguard* ta' wara tal-lemin. Wara l-habta, ix-xhud irrileva illi hu kien innota *crate* b'diversi dokumenti fuq is-*seat* ta' quddiem fil-karrozza tal-konvenut.

Ix-xhud spjega wkoll illi kien hemm xi karrozzi pparkjati mal-genb fuq in-naha taghhom tat-triq. Man-naha l-ohra kien hemm xi terrapien.

In kontro-ezami, ix-xhud spjega illi l-ewwel darba illi hu kien lemah lill-vettura tal-konvenut, din kienet boghod tul ta' zewg karrozzi tal-linja. Dak il-hin l-attur ukoll kien lemahha u dan peress illi kkummenta fis-sens illi ma kellux aptit cajt. Meta lemhu l-ewwel darba lill-konvenut, kien fil-fatt zewg karrozzi u nofs qabel it-terrapien.

Ix-xhud qal illi fil-kantuniera qabel dar ghal Triq is-Sur, fejn fil-fatt kien hemm T-Junction, l-attur ma kienx waqaf ghaliex ma kienx hemm *stop-sign.* Hu kien dar bil-5 m.f.s. u meta waqaf ma halliex *brake-marks.*

Graziella Quintano spjegat illi kienet in-neputija ta' l-attur. Dakinhar ta' l-incident hi kienet riekba wara Kenneth Grillo. Huma kienu sejrin ghall-funeral ta' missieru. hekk kif kisru ghal go Triq is-Sur, huma kienu raw karrozza riesqa ghal fuqhom li ma kienx jidher li fiha sewwieq. L-attur ghalhekk ghafas kemm seta' fuq in-naha tax-xellug u daqq il-*horn* izda xorta wahda sehh l-incident.

Ix-xhud spjegat illi man-naha taghhom, cioe' fuq ix-xellug, kien hemm diversi karrozzi pparkjati izda man-naha l-ohra tat-triq kien hemm xi xahx u gebel biss.

In kontro-ezami, ix-xhud qalet illi l-attur kien waqaf kompletament fil-kantuniera qabel ma dar ghal go Triq is-Sur. Meta l-attur dar u sahansitra biddel il-*gear,* hi lemhet il-karrozza gejja. Dak il-hin il-vettura kienet boghod tul u nofs ta' karrozza u kienet ghadha kif qabzet it-terrapien. Ix-xhud spjegat ukoll illi hi ma kienitx lemhet il-karrozza qabel, cioe' meta' l-attur kien waqaf, peress illi kien hemm vann ipparkjat.

Meta sehh l-impatt, il-vettura taghhom kienet diga' wieqfa. Ma kien hemm l-ebda marki tat-*tyres* tal-karrozza taghhom ghalkemm il-vettura tal-konvenut halliet marki tul ta' zewg karrozzi.

Michelle Mizzi qalet illi Kenneth Grillo kien riekeb hdejha, filwaqt li Graziella Quintano kienet riekba quddiem. Kompliet tispjega illi kif daru mal-kantuniera fejn kien hemm vann ipparkjat, hi rat karrozza miexja lejhom u din baqghet diehla fihom peress illi riedet tikser fuqhom. Dak il-hin il-vettura li fiha kienet riekba kienet lahqet iddrittat fi Triq is-Sur. Man-naha l-ohra tat-triq kien hemm xi dar qieghda tinbena u kien hemm ukoll xi torba barra fit-triq.

In kontro-ezami x-xhud qalet li t-torba kienet tasal sa xi kwart tal-karreggjata tal-konvenut. Pero' biex jevitaha, ma kellux bzonn li jidhol fil-karreggjata l-ohra.

Skond ix-xhud, l-attur ma kienx waqaf totalment meta dar ghal go Triq is-Sur, ghalkemm hu kien miexi bil-mod. Hekk kif harset l-isfel fi Triq is-Sur, hi ma kienet rat xejn. Sal-mument li habtu, ma kien intqal xejn fil-karrozza.

Meta l-vetturi habtu, ix-xhud qalet illi dawn kienu ghadhom mexjin izda l-attur ma kienx zamm *brake* qawwi biex waqaf. Iz-zewg karrozzi hallew *brake-marks* fl-art izda fir-rigward tal-karrozza ta' l-attur, ix-xhud ikkonfermat dan wara li hi kienet rat lis-*sketch*. Huma kienu mbaghad waqfu mad-daqqa. L-impatt gie indikat mix-xhud bl-ittri XX fuq lis-*sketch* u hi spjegat li dan kien vicin il-kantuniera. Ziedet ukoll illi l-karrozza ta' l-attur kellha fil-fatt tigi ndikata aktar 'l fuq, cioe' vicin il-vann li semmiet.

Il-konvenut Alex Attard spjega illi dakinhar ta' l-incident hu kien qed isuq il-vettura S-0256 fi Triq is-Sur fid-direzzjoni ta' Triq Mahatma Gandhi. Peress illi kien hemm xi gebel li kien jostakola l-karreggjata tieghu b'wisgha ta' aktar minn karrozza, hu kellu johrog lejn nofs it-triq u dan wara li kien osserva illi ma kienx hemm karrozzi gejjin minn-naha opposta. Hekk kif rega' wasal biex jidhol fil-karreggjata tieghu, ra karrozza hierga minn Triq Mahatma Gandhi li baqghet iddur minghajr ma waqfet u fil-fatt huma habtu hekk kif gew vicin xulxin. Il-karrozza tieghu sfat milquta minn wara l-bieba tieghu sa wara.

Il-konvenut ikkonferma illi hu kien qieghed isuq bil-25 k.f.s. Hu spjega illi fil-fatt ma setax ikun li hu kien qed isuq aktar minn hekk, u dan peress illi kien ghadu kif qed ibiddel il-*gear* wara li dahal go Triq is-Sur.

Ix-xhud indika l-gebel bil-marka X fuq l-iskizz. Hu ftakar illi kien hemm marki tar-roti ma; l-art relattivi ghaz-zewg vetturi.

In-kontro-ezami, il-konvenut spjega illi dakinhar hu kien jahdem mad-ditta DHL Ltd. u hu kien lejn triqtu ghall-ufficju taghhom gewwa Hal-Luqa sabiex jigbor xi pakketti. Hu fil-karrozza ma kellu xejn peress ill kien ghadu sejjer sabiex jigbor xi dokumenti. Meta hu kien ikun qed iqassam, hu kien ikollu *crate* bl-ittri fl-*envelope* tad-DHL.

Dwar lis-skizz il-konvenut ikkummenta li l-karrozzi ndikati pparkjati, kienu fil-fatt ipparkjati aktar l-isfel. L-attur ghalhekk waqaf aktar vicin il-bankina u aktar lejn il-kantuniera.

Hu lill-attur rah hekk kif kien hiereg minn Triq Mahatma Gandhi. Pero' hu ma setax jiftakar id-distanza li kien hemm bejn dik il-kantuniera u l-lok ta' l-incident. Bid-daqqa l-attur kien dawwar il-vettura tal-konvenut u ghalhekk dan gie jhares lejn il-lemin. Ix-xhud ma setax jindika l-post ta' l-impatt, pero' hu spjega illi dan kien wara li hu kien qabez il-munzell fuq ix-xellug tieghu u kif kien diehel f'postu. Il-konvenut ikkonferma illi hu kien hareg fuq in-nofs tat-triq meta ghamel il-manuvra tieghu.

**Ir-relazzjoni ta' l-Av. Thomas Abela**

Konstatazzjonijiet ta' fatt

Il-perit legali rrileva illi Triq Mahatma Gandhi hi T-Junction ma' Triq is-Sur u dakinhar ta' l-incident ma kienx hemm xi sinjali tat-toroq li kienu jimponu obligazzjoni fuq il-partijiet. Triq is-Sur kienet ghat-tela lejn Triq Mahatma gandhi. Dik it-triq kienet ta' wisgha li tippermetti parkeggjar fuq iz-zewg nahat tat-triq minghajr li jigi ostakolat it-traffiku tiela u niezel minnha. Il-kantuniera ma kenitx ta' disghin grad centigradi imma kienet maqtugha bil-mod indikat fl-iskizz ta' l-istess perit legali maghmul minnu wara l-access. Kif iddur ma' dik il-kantuniera fuq in-naha tax-xellug kien hemm parkegg ghal zewg karrozzi u mbaghad kien jidher bieb ta' garaxx li quddiemu ma setax ikun hemm parkeggjar.

Waqt l-access il-perit legali kien innota illi kien hemm dar ghada qieghda tinbena fil-kantuniera fi Triq is-Sur. Bejn din il-kantuniera, fejn skond il-konvenut kien hemm it-terrapien li allegatament fixklu, u dik li kienet taghti ghal Triq Mahatma Gandhi kien hemm tul ta' madwar hamsin pied. Hawn sehh l-incident.

Konstatazzjonijiet ta' dritt

Il-perit legali rrifera ghal tlett regolamenti bazici tas-sewqan mehuda c-cirkostanzi tal-kaz:

a. illi sewwieq li jkun irid jidhol go triq principali minn T-junction ghandu jieqaf u johrog biss meta jkun cert illi mhux ser ikun ta' ostakolu ghat-traffiku ghaddej minn dik it-triq principali;

b. illi sewwieq fl-inhawi fejn sehh l-incident ghandu jsuq bil-velocita' permessa ghal zoni abitati ghaliex dik kienet zona residenzjali;

c. illi sewwieq fi triq dritta ghandu r-*right of way* li ghandha tintuza bil-prudenza, bl-osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku u minghajr perikolu jew interferenza ghal terzi.

Konsiderazzjonijiet

Wara li ha in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti mill-kontendenti, il-perit legali wasal ghall-konkluzjoni illi filwaqt li l-attur kien prudenti fis-sewqan tieghu u li bl-ebda mod ma kkawza perikolu lil terzi, l-istess ma setax jinghad fir-rigward tas-sewqan tal-konvenut.

Dan inghad partikolarment in vista tas-segwenti osservazzjonijiet maghmula mill-imsemmi perit legali:

a. Il-verzjoni moghtija mill-attur ukkorraborata mix-xhieda tieghu hi li hu kien qed isuq bl-attenzjoni necessarja u skond ir-regolamenti tat- traffiku, filwaqt illi skond l-istess verzjoni, il-konvenut waqt li kien qed isuq kien qieghed ifittex xi haga hdejh. Hawn il-perit legali ghamel riferenza specifika ghall-verzjoni tax-xhud Kenneth Grillo li kien riekeb quddiem hdejn is-sewwieq u dan ghaliex kien l-ewwel xhud u l-aktar wiehed dettaljat mix-xhieda kollha. Ghalhekk Kenneth Grillo kien qal illi l-attur kien lemah il-konvenut u sahansitra kien daqq il-*horn* izda kellu jaghmel manuvra billi jigbed lejn ix-xellug sabiex jittenta jevitah.

b. Graziella Quintano filwaqt illi kkonfermat is-sekwenza tal-fatti kif graw, qalet ukoll illi l-attur kien daqq il-*horn* sabiex jigbed l-attenzjoni tal-konvenut li qieghed baxx fil-vettura tieghu. Dan kif sema' l-*horn* tela' jigri u ttenta jevithom.

c. Michelle Mizzi, ghalkemm fil-fehma tal-perit legali ma ftakritx l-incident sew peress illi ma kinitx taqbel max-xhieda l-ohra fejn kienet bilqeghda fil-vettura misjuqa mill-attur, b'mod generali

wkoll kkonfermat il-fatti li fuqhom xehed l-attur. Pero' skond il-perit legali meta din qalet li l-konvenut deher li ried jidhol go Triq Mahatma Gandhi, hi ghamlet osservazzjoni ndikattiva illi l-konvenut minghajr ma kien jaf kien riesaq lejn il-vettura ta' l-attur.

d. Il-konvenut kien qed igerfex fl-ittri hdejh li kien qieghed iqassam, liema ittri kienu rawhom fil-fatt l-attur u x-xhieda tieghu wara l-incident. Possibilment, ikompli jghid il-perit legali, dan tant kien okkupat b'dak li kien qed jaghmel illi lanqas it-terrapin ma kien osserva u dan inghad in vista tal-fatt illi hu kien issikka wisq lejn nofs it-triq meta kellu wisgha bizzejjed biex jibqa' fil-karreggjata tieghu.

e. Il-*brake-marks* indikati fl-iskizz ma kienux jaghtu x'jifhem illi kien hemm xi sewqan qawwi da parti tal-kontendenti ghalkemm jindikaw illi l-attur kien miexi fil-karreggjata tieghu filwaqt illi l-konvenut kien qieghed jinvadi dik l-istess karreggjata min-naha l-opposta.

f. Il-hsara fil-vetturi rispettivi tal-kontendenti tindika illi l-konvenut kien irnexxilu biss ma jidholx fil-vettura ta' l-attur minn quddiem.

Il-perit legali kien tal-fehma illi mehud in konsiderazzjoni l-fatt illi l-provi ta' l-attur ma kinux gew kontradetti u l-mod ta' kif kienu gew ipprezentati, ir-responsabbilita' ta' l-incident kienet kollha attribwibbli lill-konvenut. B'hekk l-eccezzjonijiet tieghu kellhom jigu michuda. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, il-perit legali kien tal-fehma illi dawn kellhom jigu kkalkolati abbazi ta; l-ammont ta' Lm2572.59 indikati fid-Dok. 16/3/94, flimkien ma' l-ammont ta' Lm200 valur tax-xoghol kif certifikat mis-*surveyor* u dan jekk hu kien qed jifhem sew. Ghalhekk it-tielet talba attrici kellha tigi milqugha f'dawk l-ammonti jew skond id-direzzjoni ta' persuna intiza u kkwalifikata aktar minnu.

Il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali fejn dan issottometta illi l-incident sehh unikament minhabba l-imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Kienu l-manuvri u l-mod ta' sewqan tieghu li waslu unikament ghall-incident de quo. Izzid biss is-segwenti osservazzjonijiet:

1. L-attur, kif ukoll il-passiggieri rekbin mieghu dakinhar ta' l-incident, ikkonfermaw illi huma osservaw li l-konvenut ma kienx qieghed bilqeghda dritt fis-*seat* tieghu izda deher li kien baxxut.

Kemm Kenneth Grillo, kif ukoll Graziella Quintano, ikkummentaw illi wara l-incident huma nnutaw li kien hemm diversi dokumenti fuq is-*seat* ta' quddiem tal-passiggier fil-vettura tal-konvenut. Allura, fid-dawl ta' dan il-fattur, kif seta' l-konvenut jixhed fis-seduta tas-17 ta' Gunju, 1996, illi '*sadattant ma kontx rajt karrozzi gejjin mid-direzzjoni opposta. Kif wasalt biex nerga' nidhol fil-pozizzjoni fuq in-naha tieghi, rajt karrozza hierga minn Triq Mahatma Gandhi, li baqghet hierga minghajr ma waqfet"?* Kif sewwa qal il-perit legali, dan hu fattur importantissimu fis-soluzzjoni tal-vertenza odjerna u dan ghaliex jindika xejn hlief nuqqas ta' prudenza fis-sewqan u ksur tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

2. Pero' dan ma kienx bizzejjed ghall-konvenut. Il-perikolu li hu kkawza dakinhar ta' l-incident ghall-utenti ta' Triq Is-Sur kien doppju. Dan qieghed jinghad in vista tal-fatt illi skond kif ikkummentaw l-attur u x-xhieda tieghu, il-konvenut kien qieghed isuq fuq in-naha hazina tat-triq miexi lejn il-karozza ta' l-attur mid-direzzjoni opposta. Skond ix-xhieda tal-konvenut moghtija fis-17 ta' Gunju 1996, dan kien dovut minhabba l-presenza ta' terrapien li kien jostakola l-karreggjatura tieghu. Issa ghalkemm f'dik l-istess seduta, il-konvenut qal illi dan it-terrapien kien jisporgi 'l barra aktar wisa' ta' karrozza ghal gol-karreggjatura tieghu, izda l-indikazzjoni li ta l-attur, ikkorraborata bix-xhieda tieghu, hi li dan it-terrapien kien jisporgi 'l barra biss erba' piedi, b'mod illi l-konvenut seta' jaqbzu minghajr ma jidhol fil-karreggjata tat-traffiku gej min-naha opposta. Ghalhekk il-Qorti hawn ma tistax ma taqbilx ma dak li qal il-perit legali fir-relazzjoni tieghu illi "*jista' jkun ukoll li dan il-konvenut rah biss wara l-incident".*

3. Il-konvenut fin-nota ta osservazzjonijiet tieghu sostna illi l-attur naqas milli jzomm a *proper lookout.* certament dan wiehed ma jistax jghidu. Fis-seduta tas-7 ta' Jannar 1994, l-attur qal illi meta hu ra l-karrozza tal-konvenut, din kienet boghod xi tmien karrozzi minnu u x-xhud Kenneth Grillo fis-seduta tas-16 ta' Marzu 1994, qal illi dan kien boghod tul ta' zewg karrozzi tal-linja. L-attur kompla jixhed illi kif rah hu zamm il-*brakes,* daqq il-*horn* u gibed lejn il-bankina. Dan kollu jindika biss illi l-attur kien ferm attent. Fattur iehor interessanti u ta' importanza konsiderevoli hu li l-konvenut fis-seduta tas-17 ta' Gunju 1996, qal illi dakinhar ta' l-incident hu kien ghadu kif dahal fi Triq is-Sur u kien qed jeqleb il-gerijiet. Allura forsi din tispjega kif l-attur ma kienx lemah bih

mill-ewwel u ghalhekk bl-ebda mod wiehed ma jista' aktar jasal ghall-konkluzjoni illi hu ma kienx zamm a *proper look-out.*

4. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li jirrizulta mix-xhieda prodotti, ghalkemm wiehed ma jistax jghid li m'ghandu l-ebda sinjifikat, mhux ta' konsegwenza l-fatt jekk l-attur waqafx jew le fil-kantuniera. Dan qed jinghad specjalment fid-dawl ta' dak il-fatt illi l-attur fis-seduta tas-7 ta' Jannar 1994, xehed li meta dar il-kantuniera hu ma qabizx in-nofs tat-triq u dan wara li kien cert li ma kienx hemm vetturi ohra fit-triq. Kien biss meta hu beda jiddritta illi tfacca l-konvenut. Dan ukoll gie kkorraborat mix-xhieda prodotti minnu. U wara kollox, kif jista' ighid il-konvenut konvincentement illi l-attur hareg minn Triq Mahatma Gandhi minghajr ma waqaf, meta he kien mohhu f'affarijiet ohra?

5. Ghal dak li jirrigwarda l-velocita' ta' l-attur, kemm hu fis-seduta tas-7 ta' Jannar 1994, kif ukoll Graziella Quintano fis-seduta tas-16 ta' Marzu 1994, qalu illi huma kienu waqfu qabel l-impatt. Ghalhekk wiehed ma jistax jifhem kif il-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jallega illi l-attur kien qieghed isuq bi *speed* eccessiv ghal-lokalita'. Zgur, kieku dan kien hekk, l-attur ma kienx jirnexxilu jieqaf f'dawk il-ftit metri li hemm mill-kantuniera minn fejn dar sal-post ta' l-impatt taz-zewg vetturi! U jekk il-vettura ta' l-attur sofriet danni konsiderevoli, jista' jinghad bl-istess ragunament li applika l-konvenut li forsi allura kien hu stess li ecceda l-velocita' relattiva ghal dik il-lokalita'.

**Likwidazzjoni tad-danni**

Wara l-incident sar “survey” fuq il-karrozza ta’ l-attur minn Joseph Buttigieg, “surveyor” tal-kumpanija assiguratrici tal-karrozza tal-konvenut. Huwa esebixxa kopja tgar-rapport tieghu li pprezenta lill-assigurazzjoni (Dok. JB1) mnejn jirrizultaw id-dettalji tal-hsarat, il-parts li jehtiegu li jinbidlu u l-valur tax-xoghol mehtieg ghat-tiswija. Huwa gie muri wkoll id-Dok. 16/3/94 konsistenti fi stima tal-parts in kwistjoni u kkonferma li dawk il-parts jaqblu ma’ dak li ra u ccertifika hu. L-imsemmi Dok. 16/3/94 gie pprezentat minn Arthur Quintano, missier l-attur, u gie kkonfermat minn Alfred Vella, workshop manager ta’ Auto Sales Ltd.

Mid-dokumenti msemmija jirrizulta li l-valur tal-parts huwa ta’ Lm2572.59 filwaqt li l-valur tax-xoghol mehtieg huwa ta’ Lm200, total ta’ Lm2772.59.

Il-Qorti tosserva li dawn id-danni ma gewx kontestati u inoltre jirrizultaw gustifikati. B'hekk il-konvenut ghandu jhallas l-ammont ta' Lm2772.59.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni,
(2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' Lm2772.59, u
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma ta' Lm2772.59 bl-imghax mid-data tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Grazio Galea
D/Registratur